Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 27 – It-Tlieta, 22 ta' April, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 26, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 2 t'April – saret il-mixja li ser isir l-istudju fuqha fuq il-proġett tal-Green Infranet. Din bdiet mill-Kunsill għal ta' Passi għall-Imġarr u mill-ġnien ta' taħt Chambray għax-Xatt l-Aħmar li tkompli sal-bajja ta' Mġarr ix-Xini għal Triq il-Briegħen, Triq Cordina u lura lejn il-Kunsill. Is-Sindku qal li tista ssir proposta ta' mixja oħra li tibda mill-Kunsill għal ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin, Triq Wied ir-Rajjes, Triq Borg Għarib, Triq li tiġi taħt ir-raħal tan-Nadur, Triq ta' Bordin għal Triq il-Merkanti, minn ħdejn it-Torri ta' Santa Ċeċilia għal Triq Cordina u lura lejn il-Kunsill.
   - Ittra mingħand is-Sur Jason Micallef, *Chairman* tal-Fondazzjoni V18 fejn informa lill-Kunsill li se jsiru diversi laqgħat biex jiġu organizzati l-attivitajiet

flimkien għall-iskop tal-Belt Kapitali Ewropea 2018, b'kollaborazzjoni mal-AKL u DLG.

- Kommunikazzjoni mill-Onor. Justyne Caruana fejn tkelmet mas-Sindku bl-idea li jsir xi proġett li jinvolvi lill-anzjani tal-komunità. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Gioci Senza Fontieri – is-SE qalet li ġiet avviċinata mis-Sur Joe Louis Xiberras fejn xtaq jinforma lill-Kunsill b'sensiela ta' logħob għaż-żgħażagħ f'diversi rħula tul is-sajf li ġej. F'kull raħal ikun hemm 4 gruppi ta' 8 parteċipanti f'kull grupp fejn wara l-grupp rebbieħ f'kull raħal jgħaddi għas-semi finali u finali mal-kumplament tal-gruppi rebbieħa mill-irħula l-oħra. Is-Sindku qara linja gwida ta' kif se se titmexxa din il-kompetizzjoni, kemm dik fir-raħal, kif ukoll dik tas-semi finali u finali. L-organizzaturi jixtiequ li jipparteċipaw bejn 8-10 minn Għawdex, fejn 5 irħula digà ikkonfermaw dan. Il-Kunsill qabel li Għajnsielem jipparteċipa però qabel li jiġu mistiedna l-għaqdiet tar-raħal biex jiġi ddeterminat jekk l-4 gruppi jistgħux jiġu ffurmati. Il-laqgħa ssir nhar t-8 ta' Mejju, 2014 fis-7.30pm. Jiġu mistiedna l-għaqdiet tal-banda, *football*, nar, armar u patrijiet.
- Applikazzjoni taħt is-sejħa *leader 414.4 Landscaping* – l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa għaliex l-permess tal-MEPA ma kienx maħruġ sa' April 2013.
- Talba għal *no objection* għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut Royal Lady, fit-Triq Martin Garces. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir it-talba skont il-pjanta preżentata mil-perit tal-applikant.
- Il-Kunsill irċieva l-*compliance certificate* tal-Għajn tal-Ħasselin mill-MEPA.
- Approvazzjoni mill-Enemalta għal-talba ta' bozza fit-Triq Cordina u fit-Triq fuq l-Għajn.
- L-għaqda armar talbet lill-Kunsill biex jinxtraw 15-il *cover* għat-toqob tal-arbli tal-festa – il-Kunsill approva li dawn jinxtraw biex ikun hemm inqas periklu.
- Laqgħat t'informazzjoni organizzati mill-MCA lill-ġenituri fuq l-użu aktar sigur tal-internet – is-SE informat lill-preżenti li applikaw 6 għal din il-laqgħa u qed titlob biex il-Kunsill jissuġerixxi data meta tista ssir din il-laqgħa ġewwa s-sala tal-Kunsill stess. Il-Kunsill qabel li jiġu kkomunikati r-residenti li applikaw u jintlaħaq ftehim magħhom dwar il-ġurnata ideali biex issir din il-laqgħa.

## 4. Kuntratt mal-Kumitat tal-Football rigward il-proġett tal-Football

Wara l-ittra li bagħtet is-SE fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li jidħol f'kollaborazzjoni mal-Kumitat tal-Football fil-proġett tal-grownd, id-DLG irrisponda lura li jixtieq aktar informazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jagħtu l-approvazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li l-avukata tal-Kunsill tibda tipprepara l-kuntratt li jiġi ffirmat bejn il-Kunsill u l-Kumitat, biex wara jiġi diskuss bejn il-kunsilliera fil-laqgħa tal-Kunsill.

Jekk ikun hemm qbil fuq dan il-kuntratt mil-Kunsill, isir komunikat mal-Kumitat tal-Football biex jiġi ffirmat dan il-kuntratt. Wara jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll il-Ministru tal-Finanzi għall-approvazzjoni tagħhom.

## 5. Diskussjoni – Monument Kommomerattiv tal-Football

Wara s-sejħa li ħarġu fuq il-gazzetti lokali, intefa' *envelope* wieħed bin-nom de plum "Balzunetta" fil-kaxxa tat-Tenders. Peress li kien wieħed waħdu, il-Kunsill fetaħ ukoll l-*envelope* bid-dettalji ta' min għamel dan id-desinn, fejn irriżulta li kien Paul Stellini. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jitqabbad il-Perit Alex Bigeni biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders, waħda għat-travertin u l-oħra għal-istatwa tal-*fibre*. Il-Kunsill talab lis-SE biex tikkomunika ma' Paul Stellini biex mad-disinn li ssotometta, jidlu l-arma tal-Kunsill, taħt l-arma tal-Football jinkiteb Għajnsielem Football Club, jinkitbu d-dati 1969-1970; 1970-1971; 1971-1972; 1972-1973; 1973-1974, jitpoġġa arblu qrib il-monument, u jkun imdaħħal xi ballun fil-monument.

## 6. Kont Hemm Via Sagra 2014

Larry Buttiġieġ qal li din il-Via Sagra li ttellgħet mill-Għaqda Drammatika kienet suċċess. Huwa staqsa jekk għas-sena d-dieħla din tistax tiġi rreklamata ma' Bethlehem f'Għajnsielem.

Franco Ciangura rringrazzja lill-Kunsill tal-għajnuna li ta għal din l-attività tal-passjoni. Franco kompla jgħid li din il-via sagra u ċ-ċenaklu rnexxew alavolja ma kinux irreklamati. Franco ssuġerixxa li għall-attività ta' Valletta 18, il-Kunsill jista jofri proġett kbir, li jkun ikopri l-attivitajiet mill-Milied sal-Għid.

Larry staqsa jekk il-Kunsill jistax jikkollabora aktar għal din il-via sagra li saret peress li kien hemm spejjez kbar u kienet suċċess. Il-Kunsill ma qabilx li jikkollabora aktar minn €300 skont kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-attività tiġi amalgamata ma' Bethlehem f'Għajnsielem is-sena d-dieħla.

## 7. Proġett Green Infranet

Is-Sindku, SE u l-konsulenta tal-proġett Green Infranet attendew għal-laqgħa li kien imiss f'Valencia, Spanja. Il-*partners* involuti qed jippreparaw l-istudji kollha neċessarji biex jinbena dan l-*Action Tool Kit* skont kif mitlub mill-applikazzjoni. Il-Kunsill t'Għajnsielem se jieħu l-*best practice transfer* mir-reġjun ta' Emilgia Romagna, bil-proġett *Conca*. Is-SE qalet li se jsiru diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-EKO Għawdex biex jiġi determinat fuq liema aspett se jsir l-istudju biex isiru *walking trails* fir-raħal t'Għajnsielem. Jista' jkun li jkun hemm bżonn li ssir xi *study visit* oħra f'Emilgia Romagna tul dan l-istudju. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm

bżonn li jsir dan, jattendu s-Sindku, il-Viċi Sindku, s-SE u l-konsulenta u xi uffiċjali oħra mill-MGOŻ li jkunu qed jgħinu fl-istudju. Gie deċiż li ssir laqgħa mad-Direttur ta' EKO Għawdex, is-sur Anthony Zammit flimkien mas-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-konsulenta Krista biex jiddiskutu x' jista jgħin il-Ministeru u l-żjara lejn Emilgia Romagna.

## 8. *Olimpiadi della Cultura e Talento*

Is-Sindku qal li flimkien mas-SE attendew dan il-kontest ġewwa Tolfa, fejn dan il-kuntest intrebaħ mill-grupp minn Lecce. Il-Kunsill ta' Tolfa stieden ukoll lill-Ministru għal-Għawdex, fejn attenda Dr. Joe Mifsud iżda l-Ministru kellu jħassar minħabba impenn politiku.

Is-Sindku ta' Tolfa qal lis-Sindku u S-SE li jixtiequ jiġu bi grupp ta' żagħżagħ għal-festa. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb l-akkomodazzjoni biss għal dawn il-persuni.

Tolfa Arte 2014 – delgazzjoni mill-Kunsill Franco Ciangura u Stephen Mercieca u jitla' wkoll Charlie Buttigieg bħala tenur. Il-Kunsill jieħu ħsieb l-ispejjeż tal-vjaġġ.

## 9. Għoti tal-offerti

Rigward l-offerta tad-dawl fuq ir-*refurbishiment* tal-Belvedere, l-enġineer talab għal klarifiki mingħand l-offerent. Is-SE wriet r-ritratti tal-fanali li ssotometta l-kuntrattur. Is-Sindku ma qabilx li jsiru l-fanali kif prezentati mill-kuntrattur u xtaq li jintgħażlu fanali aktar moderni. Il-Kunsill qabel ma dan u għalhekk qabbad lis-SE biex tikkomunika mal-kuntrattur b'dan.

Is-SE informat illi mir-rapport t'evalwazzjoni tal-Perit Bigeni fuq l-offerti ta' *refurbishment* tal-Belvedere, l-offerta rebbieħa kienet tas-Sur Omar Fava. Hija bagħtet l-ittri ta' aċċettazzjoni u refjutazzjoni lill-offerenti. Ix-xogħol għandu jibda fix-xahar ta' Mejju.

## 10. Materji Oħra

Franco Ciangura

- Issuġerixxa li jiġi ntrodutt *log book* għall-ħaddiema kollha li huma assenjati mal-Kunsill. Issuġerixxa wkoll li l-*eco truck* li għandu l-Kunsill jiġi misjuq ukoll mill-ħaddiem tal-Kunsill Paul Saliba. Il-Kunsill qabel ma dawn.
- Talab lill-Kunsill biex issir laqgħa tal-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem peress li hemm il-kuntratturi li għadhom ma tħallsux.
- Tiġi ordnata roll-up tal-Kunsill Lokali – is-SE se tieħu ħsieb li din tiġi ordnata.

Larry Buttigieg

- Isir *patching* bil-*cold asphalt* fit-Triq Cordina (ħdejn is-showroom tal-karozzi)
- Isir *patching* bil-konkos fit-Triq tax-Xatt l-Aħmar – il-Kunsill qabel li jiġu ordnati 10 jardi konkos u jsir il-patching mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Francis Cauchi

- Talba għall-*double yellow lines* fi Triq Sant Antnin quddiem ir-residenza ta' Rita Xuereb - il-Kunsill approva li ssir l-applikazzjoni ma' TM.

Peter Caruana

- Isir ftit *patching* bil-konkos fit-Triq Patri Cesal kantuniera ma triq Sant Antnin.
- Inqata' l-ħaxix fl-isqaq quddiem il-Heritage u ma nġabarx
- Staqsa fuq installazzjoni ta' mera fit-Triq Sant Antnin – is-SE qalet li din se tiġi nstallata fil-jiem li ġejjin.
- Ħmieġ u boroż taż-żibel fit-Triq ta' Lourdes - jintbagħtu il-kenniesa. Suġġeriment biex titwaħħal tabella 'tarmix żibel' mill-grotta 'l fuq. Il-Kunsill qabel.
- Tiġi nstallata bozza ġdida fil-Triq Martino Garces, fid-daħla li tieħu għall-wied – il-Kunsill approva li ssir applikazzjoni mal-enemalta għal bozza ġdida.

Stephen Mercieca

- Żbir tas-siġar fil-Pjazza tad-Dehra – is-Se qalet le se jsiru fil-jiem li ġejjin peress li kien ir-riħ u ma setgħux isiru.
- Staqsa fuq l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għal-bozoz ġodda fit-Triq Cordina u Triq fuq l-Għajn – is-SE qalet li l-applikazzjonijiet saru mal-Enemalta.
- Ħajt tas-sejjieħ imwaqqa fit-Triq il-Gudja – jitranġa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Tnejn, 19 ta' Mejju 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-6.43pm.

| | |
|---|---|
| Francis Cauchi | Amanda Abela |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |